MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 34**

**It-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2026**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 17 ta' Ġunju 2026 fis-6:00 ta filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**34.1 Talba;**

34.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:00 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**34.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**


*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT34.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*
KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

34.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Carmelo Micallef u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**34.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

34.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 33 ġew ċirkulati u moqrija.

34.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezjonjijiet għall-minuti.

34.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**34.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

34.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 26/2026 għall-perjodi bejn is-19 ta' Mejju u t-17 ta' Ġunju 2026 li tammonta għal €35,636.72 ġiet approvata u iffirmata.

**34.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

34.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, irringrazzja lil membri għall- *events: Summer of Culture,* Festa Anzjani u Festa Tfal. Ġie diskuss l-andament ta *Summer of Culture* u xi punti li stajna ntejbu filwaqt li ssemma l-punt biex jekk se nerġaw nagħmlu dan l-*event* nibdew naħsbu għall-band. Dwar Festa Anzjani ġie diskuss kif minn naħħa tal-kunsill tkellemna mal-fornitur tal-ikel dwar il-problemi li kien hemm f'Festa Anzjani. Saret ukoll diskussjoni kif l-aħjar norganizzaw għas-sena id-dieħla.

34.5.2 Is-Sindku ikonferma mal-membri li t-tenders tal-*finishing* tac-Centru Civiku ħiereġ madwar ħmistax oħra wara li jsiru xi klarifikazzjonijiet mal-Enġineer. Wara jkun imiss li joħroġ it-*Tender* tal-Għajn tal-Ħasselin u dak tal-istatwi. Fil-prezent qed naħdmu ukoll fuq il- *Call for Quotations* għal-armar tal-Milied.

**34.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

34.6.1 Ma kien hemm l-ebda intervent mill-kunsilliera.

**34.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

34.7.1 Is-Segretarju infurmat lil membri dwar rikjesta mill- Wildlife biex jagħmlu *custom made bowl* għal-ilma għall- annimali f'Wied Siekel. Ġie diskuss il-punt u ġie deċiz li is-Segretarju jitlob ritratt tal-bowl u titiehed decizjoni minn hemmhekk.

34.7.2 Is-Segretarju infurmat lill membri li resident li joqgħod fi Triq San Maritn kien ressaq ilment dwar truck li qed jiġi ipparkjat mal-lejl u kmieni filgħodu jagħmel xi ħin bil-magna imqabda li toħloq storbju qabel ma dan jitlaq. Ġie deċiz li dan il-punt jiġi diskuss mal-pulizija fil-laqgħa li jmiss filwaqt li ninfurmaw lil *Community Police.*

34.7.3 Is-Segretarju infurmat lil membri li l-istess resident qed jitlob għal-*double yellow lines* faċċata ta fejn għamilna l-istess tip ta sinjali fi Tiq San Martin. Ġie deċiz li naraw jekk hemmx diġa sinjali u niproċedu.

34.7.4 Is-Segretarju infurmat lill-membri b'korrispondenza li waslet mingħand il-Kappillan b'ringrazzjament tas-sapport mgħoti mill-kunsill matul l-attivitajiet tal-Festa.

34.7.5 Is-Segretarju infurmat lill membri li nstabet persuna li lesta tibda tagħmel lezzjonijiet tal-ħjata. Din il-persuna diġa tagħmel dawn it-tip ta korsijiet. Nistaw niproċedu jekk tinstab ġurnata u ħin filwaqt li l-kors se jibda mill bidu u jipprogressa ma dawk li jattendu. Il-membri qablu li jsir il-kors.

34.7.6 Is-Segretarju resqet suġġeriment li rċieva il-kunsill dwar talba biex jizdiedu d-*dog bins* fi Triq Wied Siekel u ieħor fi Triq is-Sajjieda. Il-kunsill iddiskuta dan il-punt u ġie konkluz li dan it-tip ta bins joħloq dejjem problema fejn jiġi nstallat u għalhekk jekk minn ressaq l-ilment ma jsibx problem li jitqiegħed quddiem d-dar tiegħu jiġi nstallat hemm.

34.7.7 Is-Segretarju resqet rikjesta mingħad *Chess community* fejn qed jitolbu għal post fejn jistaw jiltaqgħu darba fil-ġimgħa. Dan il-punt ġie diskuss izda biex nkunu nistaw nilqaw din ir-rikjesta hemm bzonn li titranġa l-*Bye Law.*

34.7.8 Is-Segretarju fakret il-membri dwar il-laqgħa Plenarja li ser issir fis-27 ta' Ġunju u li illum tagħlaq ir-reġistrazzjoni.

34.7.9 Is-Segretarju xtaqet tikkoreġi infromazzjoni li ngħatat fil-laqgħa ta qabel dwar l-ispejjez relatati mas- sistema ta *accounts* il ġdida. Din is-sistema tinvolvi spiza ta €300 *set up fee* filwaqt li l-*one time fee* hi ta €1,280, u €640 biex tiġi transferita d-data mis-sistema kurrenti għal dik ġdida. Ġie

diskuss hux aħjar li nibdew din is-sena jew is-sena d-dieħla u s-Segretarju ser tkun qed tistaqsi l-kollegi tagħha li bdew b'din is-sistema biex tikseb aktar informazzjoni.

37.7.10 Is-Segretarju infurmat lil membri li kienet rċevit ir-revizjoni tal-istima tal-Festuni li ser jintuzaw f' Summer of Culture u li din ġiet reveduta għal-amont ta €475

34.7.11 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date sent | From | Title |
|---|---|---|
| 19/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/037_Consultation of local and regional authorities on local integration practices concerning migrants. |
| 19/05/2026 | MCAST | MCAST Open Days June 2026 |
| 21/05/2026 | Reġjun Għawdex | Town Twinning Call for Proposals under the Citizens, Equality, Rights and Values (CERV) Programme |
| 21/05/2026 | MWBA | Collaboration Opportunity – MWBA Outreach Project |
| 23/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/038_Survey regarding vacant and derelict dwellings in Malta. |
| 23/05/2026 | MTA | Best Tourism Villages Competition |
| 25/05/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-permessi |
| 26/05/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/039_Sessjoni ġewwa l-Esplora. |
| 26/05/2026 | FHRD | Launch of Malta HR Annual Report 2026. |
| 26/05/2026 | Diane Cassar | ENERCOM 2nd Call Malta National Webinar |
| 26/05/2026 | Foundation Robert Schuman | The Major Turning Point |
| 27/05/2026 | EUI-URBACT | Invitation to Participate in the EUI Forward-Looking Survey 2026. |
| 27/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/040_LCA Summer Connect 2025 – Alfa Gardens Edition 10.07.26. |
| 28/05/2026 | AKL | Circular AKL 2026/041_ALDA International School for Local Democracy 2026. |
| 02/06/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/042_Ir-Rotta tal-Feniċi f'Malta. |
| 03/06/2026 | EUI-URBACT | *Potential Partnership Opportunity for URBACT Call for Action Networks.* |
| 03/06/2026 | AKL | Circular AKL 2026/040_LCA Summer Connect 2025 – Alfa Gardens Edition 10.07.26. |
| 03/06/2026 | AKL | Circular AKL 2026/039_Sessjoni ġewwa l-Esplora. |
| 04/06/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/043 Laqgħa Plenarja 2026. |
| 08/06/2026 | New Horizons | New Horizons Malta Training Proposal - Lifelong Learning as a Key to Better Governance at a Regional and Local Level. |
| 09/06/2026 | Simone Veil Prize | Call for new entries |
| 09/06/2026 | High Commission of India | International Day of Yoga - 21 June at Upper Barrakka Gardens, Valletta. |

KUNSILL LOKALI FONTANA

| | | |
|---|---|---|
| 09/06/2026 | DLG | Ċirkulari numru 6/2026 dwar *Rappurtar Finanzjarju Kwartali – Introduzzjoni ta' Template Ġdida* |
| 11/06/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-permessi |
| 11/06/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/044_Kampanja Blue Heart 2026 – Jum Dinji Kontra t-Traffikar tal-Persuni. |
| 11/06/2026 | AKL | Ċirkualri AKL 2026/043_Laqgħa Plenarja 2026. |
| 15/06/2026 | Msida Local Council | Seminar and Workshop by the Imsida Local Council. |
| 15/06/2026 | Parroċċa Fontana | Imejl ta' ringrazzjament lill-Kunsill Lokali mill-Kappillan għall-kollaborazjoni fil-jiem tal-festa. |
| 16/06/2026 | Reġjun Għawdex | Ċirkolazzjoni ta' komunikazzjoni rigward pubblikazzjoni ta' filmati u ritratti mill-Kunsilli Lokali fuq il-Pjattaformi tal-Midja Soċjali |
| 16/06/2026 | ISTC | ISTC Training Schedule |
| | | **Talbiet/Ilmenti** |
| 29/05/2026 | | Ilment dwar ħmieġ tal-klieb fi Triq Wied Siekel. Suġġeriment sabiex jiġu nstallati aktar Bins tal-klieb fil-madwar. |
| 02/06/2026 | | Suġġeriment sabiex jiġu nstallati Dog Bins fi Triq is-Sajjieda. |
| 15/06/2026 | Joseph Formosa | Talba sabiex isiru Double Yellow Lines mal-kantuniera ta' ma Triq Wied Siekel qrib Triq San Martin. |
| | | |

**34.8 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin;**

34.8.1 Is-Sindku ippropona li kif kien deċiż li Autumn Funland tiġi organizzata kull sena fl-istess zmien, hu xtaq jiproponi li din is-sena niproponu żewġ dati u ġew deċiz li jkunu 25 ta' Ottubru jew 01 ta' Novembru u naplikaw għal-fondi tal- *Events in Gozo.* Din is-sena wara diskussjoni ġie deċiz li nagħmluha fuq it-tema ta *Circus.* Peress li qedin nipreparaw min qabel hu importanti li jiġu ippreparat l-logħob u kull ma hu neċessarju u li jiġi deċiz xi spejjez se jsiru biex nkunu nistaw niproċessaw l-applikazzjoni fil-ħin.

34.8.2 Is-Sindku aġġorna lill membri li għal-event tal-iskema Gastronomija – Għawdex 2026 se nkunu qedin nagħmlu attivita fuq l-istess tip ta dik li għamilna fil-Karnival fejn se jkollna *Chef* li jsajjar ikel tradizzjonali. Hu ippropona li din issir bħala parti mid-*Day Centre.* Wara diskussjoni ġie deċiz li din issir f'zewġ sessjonijiet -waħda għat-tfal u oħra għall-anzjani, nhar it-2 u it-3 ta' Ottubru – Gastronoy Weekend in Fontana.

**34.9 Skemi;**

34.9.1 Is-Sindku ippropona li napplikaw għal iskema SPI/SCI/05/2026 li dwarha kien hemm qbil li napplikaw biex jinbidlu l-fanali ta Triq il-Kappillan

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Hili. Hu xtaq jiproponi li ma dawn il-fanali jizdiedu ukoll l-famali li hemm fi Triq L-Isptar San Ġiljan peress li dawn ukoll jinsabu fi stat hazin. Kien hemm qbil dwar dan għalhekk ġie deċiz li nitlobu studju mingħand Galea Curmi flimkien ma stima għal dan ix-xoghol biex inkunu nistaw napplikaw.

34.9.2 Is-Sindku informa lil membri li għal-iskema tal-SPI/SCI/06/2026 Karnival qed jiproponi li ssir attivita' bħal dik li saret din is-sena peress li ken hemm ħafna kummenti positivi u hu xtaq jiproponi ukoll li din id-darba nagħmlu dak li hemm bzonn biex inkunu nistaw naċċettaw aktar parteċipanti. Wara diskussjoni ġie deċiz li din l-attivita' ssir fit-8 ta' Frar u sar ukoll qbil li tittella attivta bħal dik ta din is-sena fejn jkunu nvoluti t-tfal u l-anzjani.

**34.10 Aġġornament tal-proġetti;**

**34.10.1** Is-Sindku informa lil membri nhar il-ġimgħa ser issir laqgħa mal-persuni ikkonċernati minn naħħa tal-Kurja dwar il-proġett tar-restawr tal-istatwi. Din il-laqgħa se issir biex naċċertaw ruħna li kull parti nvoluta hi aġġornata u intiza kif jista jitmexxa dan il-proġett peress li l-korrispondenza eletronika ma kinietx qed twassal għal dak mixtieq. Is-sindku informa lil membri li hu diġa kellem lil persuna li qed tagħti sapport ghat-tenders fuq dan il-proġett biex wara din il-laqgħa nkun nistaw niproċedu biex noħorġu t-tender.

**34.10.2** Is-Sindku xtaq jaġġorna lil membri dwar il-proġett tac-CCTV cameras. Hu reġa fakkar lil membri dwar is-sitwazzjoni tal-camera li ġiet nstallata fi Triq il-Qalb ta' Ġesu', din mhux qed tiġġenera bizzejjed enerġija biex taħdem il-ġurnata kollha. L-uniċi zewġ alternattivi huma li jew naqilbuha biex taħdem bl-elettriku, biex dan issir hemm spiza ta madwar €1,700. Fil-prezent tlabna biex tiġi reveduta l-istima mibgħuta. Meta s-Segretarju issuġġerixxit lil kumpanija li jitwal l-arblu kif kien deċiz fil-laqgħa preċedenti, il-kumpanija qalet li dan ma jkunx sod bizzejjed.

**34.10.3** Is-Sindku informa lil membri li l-proġett ta taħt ir-railing miexi ukoll, issa jmiss il-pavimentar u jkun jista jingħalaq dan il-proġett.

**34.10.4** Is-Sindku informa lil membri li l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku il bolavastri ordnati u l-kontrabejt se jingħata daqt.

**34.11 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements;***

**34.11.1** L-Audited Financial Statements ġew ipprezentati u diskussi. Wara xi mistoqsijiet ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u is-Segretarju.

**34.12** **Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-08:05 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar il-Erbgħa 15 ta' Lulju fit-06:00 p.m.

Konfermati, llum, il-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2026.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA